MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Numru 578/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Michael Mallia**
**Spettur Robert Vella**

**vs**

**Christopher Shepherd**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Christopher Shepherd ta’ 38 sena, iben missier mhux maghruf u Mary Anne nee’ Shepherd, imwieled Victoria, Ghawdex fl-20 ta’ Lulju 1970, prezentament residenti fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u detentur tal-karta tal-identita numru 19870G gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fir-Rabat, Malta, nhar it-18 ta’ Marzu 2009, bil-lejl, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti ta’ gojellerija mill-fond

‘JCF Jewellers’ sitwat fil-‘Crafts Village’ ta’ Ta’ Qali, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ €2329.37 (elf lira Maltin) u li sehh ghad-detriment ta’ Michael Mizzi u/jew persuni ohra ;

Finalment akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra ;

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar tal-15 ta’ Ottubru 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u l-fatt li huwa kkopera bis-shih fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet, kif ukoll il-fatt li r-res furtiva giet ritornata lil vittma. Il-Qorti izda ikkunsidrat ukoll li l-imputat ghandu fedina penali pjuttost kopjuza minn fejn jirrizulta li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja f’diversi okkazzjonijiet u inoltre huwa wkoll recidiv u ghalhekk ser timponi piena karcerarja effettiva izda vicin il-minimum permissibbli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31, 49, 50, 261, 263, 267, 269, 270, 278, 279, 280 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed isib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha  migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija.

B’applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-AKp. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta’ hames mija u wiehed u tmenin ewro u sebgha u sebghin centezmu (€581.77) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

Wara li rat l-Artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien ma’ l-atti ta’ dawn il-proceduri jintbaghtu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------